# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Illum it-Tnejn, 3 ta' Mejju, 2021.**

**Rikors numru 89/2021/1**

**Vassallo Builders Group Limited (C 2448)**

**v.**

**Marsovin Limited (C 115)**

1. B'rikors preżentat fit-30 ta' Marzu 2021 is-sekwestrata (Marsovin Limited) talbet ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 828/2019 GM ai termini tal-Artikolu 836(1) (c) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew alternattivament li jiġi ordnat li s-sekwestranta (Vassallo Builders Group Limited) tiġi ordnata tipprovdi garanzija xierqa għall-ħlas tal-ispejjez, ta' penali, ta' danni u ta' imgħax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u fin-nuqqas ta' tali depożitu l-mandat jiġi revokat.

2. Dan il-mandat ġie preżentat wara li ngħatat sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Vassallo Builders Group Limited v. Marsovin Limited et (Rikors Ġuramentat nru. 51/2013GM) datata ta' 7 Mejju 2019 permezz ta' liema Marsovin Limited u Agrico Limited ġew ordnati jħallsu lil Vassallo Builders Group Limited is-somma ta' €240,525.33 bħala danni. Dan wara illi ġie deċiż illi Marsovin Limited u Agrico Limited kisru garanziji minnhom mogħtija lil Vassallo Builders Group Limited bis-saħħa ta' skrittura privata datata 23 ta' Diċembru 2009. Din is-sentenza ġiet appellata u l-appell jinsab pendenti quddiem din il-Qorti.

3. Vassallo Builders Group Limited intavolat tlett mandati kawtelatorji kontra Marsovin Limited ilkoll għas-somma ta' €240,525.33. Dawn it-tlett mandati huma: mandat ta' sekwestru kawtelatorju notifikat lil banek u istituzzjonijiet finanzjarji (il-mandat metru ta' dawn il-proċeduri), mandat ta' sekwestru kawtelatorju notifikat lil CassarCamilleri Limited u mandat ta' qbid kawtelatorju fuq l-ishma illi s-sekwestrata għandha fil-kumpanija CassarCamilleri Limited. Il-mandat mertu tal-proceduri odjern ġie intavolat fil-21 ta' Ġunju 2019 u ġie milqugħ permezz ta' digriet mogħti fl-istess jum.

4. B'risposta datata 14 ta' April 2021 is-sekwestranta issottomettiet illi t-talbiet tas-sekwestrata għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. Is-sekwestrata isostni illi l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni għandu jiġi revokat peress illi l-mandat ta' qbid waħdu diġa` jikkawtela b'mod suffiċjenti l-posizzjoni ta' Vassallo Builders Limited f'ammonti li jeżorbitaw il-pretensjoni tagħha u għaldaqstant teżisti garanzija idoneja għal din il-pretensjoni ai termini tal-Artikolu 836 (1) (c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid illi hija azzjonista tal-kumpanija CassarCamilleri Limited u hija proprjeta` ta' 560,111 sehem ordinarju minn *issued shared capital* totali ta' 826,123 sehem. Hija preżentat stima magħmula minn PriceWaterhouseCooper skont liema l-valur ta' kull sehem ordinarju huwa fl-ammont ta' €21.36. Isostni għalhekk illi 11,261 sehem huwa biżżejjed sabiex tiġi kkawtelata l-pretensjoni tas-sekwestranta, u li anke jekk wieħed kellu jagħmel il-kalkoli fuq 60% tal-valur sabiex jirrifletti bejgħ bis-subbasta ikun jinħtieġu 18,777 sehem sabiex jagħmlu tajjeb għall-pretensjoni tas-sekwestranta.

6. Vassallo Builders Group Limited tirribatti illi din it-talba għar-revoka m'għandhiex tiġi milqugħa ikkonsidrat illi l-unika somma depożitata sa issa hija fl-ammont ta' €61,616,44 liema ammont huwa ferm inferjuri għas-sorte likwidat ta' €240,525.33, oltre l-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji. Hija tikkontendi illi somma likwida ta' flus maqbuda b'mandat ta' sekwestru hija ferm superjuri għal kwalsiasi mobbli jew immobbli li jkun jista' jigi mibjugħ bis-subbasta. Hija inoltre tagħmel referenza għall-

argumenti magħmula minnha fl-atti tar-rikors għar-revoka parzjali tal-mandat ta' qbid dwar l-adegwatezza tal-istess mandat.

7. Permezz ta' digriet kamerali mogħti llum stess, din il-Qorti ċaħdet it-talba tas-sekwestrata għar-revoka parzjali tal-mandat ta' qbid fuq l-ishma li l-istess sekwestrata għandha fil-kumpanija CassarCamilleri Limited. Fl-istess digriet ġie determinat illi dawn l-ishma huma prima facie sufficjenti sabiex jikkawtelaw il-pretensjoni sħiħa tas-sekwestranta, inkluż kwalunkwe imgħax u spejjeż ġudizzjarji illi s-sekwestranta tista' tkun talvolta intitolata għalihom. Skont il-ġurisprudenza il-garanzija indikata fl-Artikolu 836(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tista' tkun kostitwita bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor.[1]

8. Fil-fehma ta' din il-Qorti pero` m'huwiex il-każ illi dan il-mandat ta' sekwestru jiġi revokat. L-ewwel nett, il-valur tal-ishma ta' kumpanija privata huwa ferm inċert. Barra minn hekk, peress illi m'humiex assi likwidi, dawn l-ishma jkun jeħtieġu illi jinbiegħu bis-subbasta f'każ li s-sentenza fil-mertu tiġi kkonfermata fl-appell, u mhux neċessarjament jinstab min ikun interessat li jakkwistahom. Inoltre, jirriżulta illi s-sekwestrata għandha kredituri oħra, inkluż kredituri ipotekarji, u m'hemm l-ebda ċertezza dwar fejn is-sekwestranta tiggrawda fost dawn il-kredituri u jekk l-ishma maqbuda humiex biżżejjed fil-każ li hemm kredituri li jiggradwaw qabilha. Il-Qorti inoltre tosserva illi d-depożitu li sar wara dan

[1] Ara per eżempju: **LK Limited Zebbug Malta v. Adrian Zammit** (PA, 29/09/2010).

il-mandat ma jkoprix l-ammont kollu tas-sorte li ġie likwidat favur is-sekwestranta, tant illi lanqas biss jirrappreżenta nofs dan is-sorte. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-ishma waħedhom ma jirrappreżentawx garanzija suffiċjentement idoneja ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Il-Qorti tqis inoltre illi ma hemm l-ebda lok għal imposizzjoni ta' penali kif mitlub minn Marsovin Limited. Dan tenut kont illi l-pretensjoni ta' Vassallo Builders Group Limited tirriżulta minn sentenza tal-Qorti, anke jekk għadha *sub-judice*, u Marsovin Limited ma ressqet l-ebda prova, u wisq anqas argument, li b'xi mod juri li hija qieghda jew ser isofri xi danni minħabba dan il-mandat jew li hemm lok għall-imposizzjoni ta' xi penali.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tas-sekwestrata Marsovin Limited, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-istess sekwestrata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr